Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9759/24
PV CONS 21
SOC 347
EMPL 200
SAN 270
CONSOM 189

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

7 ta' Mejju 2024

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9265/24.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

(a) **Lista mhux leġiżlattiva** 9267/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

(b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9268/24

**Impjiegi u Politika Soċjali**

1. **Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 19)**
*Adozzjoni*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-26 ta' April 2024

S C

9005/24 + ADD 1-2
10788/1/23 REV 1
**+ REV 1 COR 1 (de)**
+ REV 1 COR 2
**+ REV 1 COR 3 (da)**
SOC

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti kif tinsab fid-dokument 10788/1/23 REV 1 u REV 1 COR 2 (bażi legali: l-Artikolu 19(1) TFUE).
Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. **Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 157)**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-26 ta' April 2024

❶ C

8954/24
+ ADD 1 REV 2
PE-CONS 92/23
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bil-Bulgarija u l-Ungerija jivvutaw kontra u l-Italja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (bażi legali: l-Artikolu 157(3) TFUE).
Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Ġustizzja u Affarijiet Interni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3.** | **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24 ta' April 2024 | ❶C | 9406/24 + ADD 1<br>PE-CONS 33/24<br>COPEN |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (bażi legali: l-Artikoli 82(2) u 83(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Affarijiet Ġenerali**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **4.** | **Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24 ta' April 2024 | ❶C | 9405/24 + ADD 1-2<br>PE-CONS 80/24<br>ELARG |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bil-Litwanja u n-Netherlands jastjenu, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (bażi legali: l-Artikoli 212 u 322(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**3. Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (Artikolu 19)** SC 9094/24
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar id-Direttiva proposta dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma għajr l-impjieg (Artikolu 19), abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**4. Konklużjonijiet dwar it-Tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri** 8957/24
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

**5. In-nisa fil-ħajja pubblika** 8947/1/24 REV 1
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett tan-nisa fil-ħajja pubblika abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq, li ffoka b'mod partikolari fuq is-sottorappreżentanza tan-nisa fi rwoli ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fl-UE.

**Affarijiet oħra**

**6. (a) Avvenimenti tal-Presidenza** 8979/24
**(i) Laqgħa informali tal-ministri għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (Brussell, 26-27 ta' Frar 2024)**
**(ii) Konferenza LGBTIQ+ (Brussell, 17 ta' Mejju 2024)**
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

(b) **Bidla possibbli fit-titolu tal-konfigurazzjoni tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur** 8814/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-bidla possibbli fit-titolu tal-konfigurazzjoni tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur.

(c) **Stħarriġ dwar il-vjolenza kontra n-nisa - sitwazzjoni attwali** 9233/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Istħarriġ dwar il-vjolenza kontra n-nisa.

(d) **Implimentazzjoni tal-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul - sitwazzjoni attwali** 8980/24
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

(e) **Tħejjija tal-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 - sitwazzjoni attwali** 9358/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar it-tħejjija tal-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025.

(f) **Komunikazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu - sitwazzjoni attwali** 8981/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu.

**(g) Kandidat tal-UE: elezzjonijiet għall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità** [F2] 9256/24

*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-kandidat tal-UE għall-elezzjonijiet għall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

---

| | |
|---|---|
| [1] | L-ewwel qari |
| [C] | Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni |
| [S] | Proċedura leġislattiva speċjali |
| [F2] | Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill) |

## DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "A" LI JINSABU FID-DOKUMENT 9268/24

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 19)**
*Adozzjoni*

### DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tad-Direttivi proposti biex tissaħħaħ il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u biex jitjieb l-appoġġ għall-vittmi tad-diskriminazzjoni.

L-Awstrija tenfasizza li d-Direttivi proposti jistabbilixxu standards minimi għall-korpi tal-ugwaljanza.
L-Awstrija diġà għandha sistema tal-aħjar prattika li tiffunzjona sew fil-qasam tat-trattament ugwali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li ilha turi l-valur tagħha għal għexieren ta' snin. Sabiex jiġu ppreservati strutturi nazzjonali effettivi u li ilhom stabbiliti, għandu jkun hemm flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta' dawn id-Direttivi. F'dan il-qafas il-ġdid jibqgħu jeżistu istituzzjonijiet effettivi u mekkaniżmi effiċjenti."

### DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Aħna naqblu mal-approċċ ġenerali tad-Direttiva, soġġett għall-interpretazzjoni li ġejja:

1. Napprezzaw il-fatt li, matul in-negozjati fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill, il-Kummissjoni aċċertatna li nistgħu wkoll nimplimentaw l-Artikolu 8 esklużivament permezz ta' proċedura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim li fiha jrid jieħu sehem il-konvenut. Għal dak il-għan, il-korp tal-ugwaljanza, fuq it-talba tal-persuna li tkun qed tallega d-diskriminazzjoni, jeżamina u jiddeċiedi dwar il-każ abbażi tal-informazzjoni li tingħatalu, waqt li jqis l-inverżjoni tal-oneru tal-provi. Il-Ġermanja tinterpreta l-Artikolu 8 bħala li jfisser li t-talbiet għall-informazzjoni ma jiġux infurzati b'mod obbligatorju, iżda li l-konvenut jiġi mgħarraf dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-provi.
2. Napprezzaw ukoll il-fatt li l-Ġermanja tista' tipprojbixxi l-korpi tal-ugwaljanza milli jippubblikaw data privata jew ta' kumpanija fil-kuntest tas-sommarji msemmijin fl-Artikolu 9.

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill, il-Kummissjoni aċċertatna wkoll li ser ikollna l-possibbiltà li nimplimentaw l-Artikolu 10(3), il-punt (a) b'tali mod li l-"awtoritajiet kompetenti", jiġifieri l-assoċjazzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni rikonoxxuti fil-Ġermanja, ikunu jistgħu jibdew proċedimenti f'isem il-vittmi u b'hekk jagħtu appoġġ ġudizzjarju lil dawk milquta mid-diskriminazzjoni. Dan jiżgura appoġġ ġudizzjarju effettiv għal dawk milquta mid-diskriminazzjoni."

| | |
|---|---|
| **<u>Dwar il-punt "A" nru 2:</u>** | **Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 157)**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-iżgurar tal-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bħala valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-pajjiż għaldaqstant jappoġġa l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' qafas legali b'saħħtu għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel, b'mod partikolari l-objettivi tad-*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE.* L-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi għall-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza ser itejjeb l-effettività tagħhom, jiżgura l-indipendenza tagħhom u jipprovdi protezzjoni f'waqtha u effettiva għall-vittmi tad-diskriminazzjoni.

Iżda fl-istess ħin, matul in-negozjati dwar il-proposta għal Direttiva, saru bidliet fit-test li mhumiex aċċettabbli għar-Repubblika tal-Bulgarija.
Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' ġeneru li mhumiex kompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija.
Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tikkjarifika li t-terminu "sess" użat fil-Kostituzzjoni, għandu, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, jinftiehem fis-sens bijoloġiku tiegħu biss (irġiel u nisa).

Għalhekk, f'konformità mas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li ma tista' taċċetta la l-kunċett ta' ġeneru u lanqas il-perspettiva tal-ġeneru tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jew dokumenti oħra li jagħmlu distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali. Konsegwentement, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma tistax taċċetta l-estensjoni tad-definizzjoni ta' "vittma" fl-Artikolu 6 u l-Premessa 23 b'lista indikattiva ta' karatteristiċi li tinkludi l-ġeneru: ġeneru, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru jew karatteristiċi tas-sess.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika tal-Bulgarija <u>ma tappoġġax</u> it-test tad-*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE.*"

## DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Aħna naqblu mal-approċċ ġenerali tad-Direttiva, soġġett għall-interpretazzjoni li ġejja:

1. Napprezzaw il-fatt li, matul in-negozjati fil-laqgħa tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Kunsill, il-Kummissjoni aċċertatna li nistgħu wkoll nimplimentaw l-Artikolu 8 esklużivament permezz ta' proċedura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim li fiha jrid jieħu sehem il-konvenut. Għal dak il-għan, il-korp tal-ugwaljanza, fuq it-talba tal-persuna li tkun qed tallega d-diskriminazzjoni, jeżamina u jiddeċiedi dwar il-każ abbażi tal-informazzjoni li tingħatalu, waqt li jqis l-inverżjoni tal-oneru tal-provi. Il-Ġermanja tinterpreta l-Artikolu 8 bħala li jfisser li t-talbiet għall-informazzjoni ma jiġux infurzati b'mod obbligatorju, iżda li l-konvenut jiġi mgħarraf dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-provi.
2. Napprezzaw ukoll il-fatt li l-Ġermanja tista' tipprojbixxi l-korpi tal-ugwaljanza milli jippubblikaw data privata jew ta' kumpanija fil-kuntest tas-sommarji msemmijin fl-Artikolu 9.
3. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill, il-Kummissjoni aċċertatna wkoll li ser ikollna l-possibbiltà li nimplimentaw l-Artikolu 10(3), il-punt (a) b'tali mod li l-"awtoritajiet kompetenti", jiġifieri l-assoċjazzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni rikonoxxuti fil-Ġermanja, ikunu jistgħu jibdew proċedimenti f'isem il-vittmi u b'hekk jagħtu appoġġ ġudizzjarju lil dawk milquta mid-diskriminazzjoni. Dan jiżgura appoġġ ġudizzjarju effettiv għal dawk milquta mid-diskriminazzjoni."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

L-Ungerija temmen fir-rispett tal-valuri ta' soċjetà koeżiva, paċifika u demokratika, ibbażata fuq l-ugwaljanza tal-individwi kollha mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni. Dan huwa ggarantit mil-Liġi Fundamentali, u l-Att Ungeriż dwar it-Trattament Ugwali li jipprovdi protezzjoni legali orizzontali u komprensiva fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-għoti ta' possibbiltajiet u opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fil-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE."

## DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tad-Direttivi proposti biex tissaħħaħ il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u biex jitjieb l-appoġġ għall-vittmi tad-diskriminazzjoni.
L-Awstrija tenfasizza li d-Direttivi proposti jistabbilixxu standards minimi għall-korpi tal-ugwaljanza.

L-Awstrija diġà għandha sistema tal-aħjar prattika li tiffunzjona sew fil-qasam tat-trattament ugwali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li ilha turi l-valur tagħha għal għexieren ta’ snin. Sabiex jiġu ppreservati strutturi nazzjonali effettivi u li ilhom stabbiliti, għandu jkun hemm flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta’ dawn id-Direttivi. F'dan il-qafas il-ġdid jibqgħu jeżistu istituzzjonijiet effettivi u mekkaniżmi effiċjenti."

**<u>Dwar il-punt "A" nru 3:</u>** **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, ĊIPRU, IL-FINLANDJA, IL-GREĊJA, L-ITALJA, IL-KROAZJA, IL-LATVJA, IL-LUSSEMBURGU, IL-POLONJA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVENJA, SPANJA U L-IŻVEZJA**

"Nilqgħu l-ftehim dwar id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u nixtiequ niddikjaraw dan li ġej.

Skont l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), mara minn kull 20 fl-UE li għandha 'l fuq minn 15-il sena ġiet stuprata. Is-sess mhux kunsenswali huwa ksur serju ħafna tal-integrità sesswali tal-individwi u jrid jiġi evitat u miġġieled bil-qawwa kollha fil-livelli kollha, inkluż fil-livell tal-UE. Għalhekk, l-Awstrija, Ċipru, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja jiddispjaċihom li d-Direttiva ma tinkludix ir-reat kriminali ta' stupru bbażat fuq in-nuqqas ta' kunsens. Iżda l-fatt li d-Direttiva fiha rekwiżiti għall-edukazzjoni f'termini ta' kunsens huwa pass fid-direzzjoni t-tajba.

Madankollu, anke mingħajr dispożizzjoni bbażata fuq il-kunsens dwar l-istupru, kien ta' importanza kbira għalina li niżguraw li d-Direttiva tiġi adottata malajr kemm jista' jkun, peress li fiha elementi kruċjali oħra. S'issa, l-ebda strument legali speċifiku ma indirizza l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fil-livell tal-UE. Din id-Direttiva hija għalhekk pass importanti għall-istandards internazzjonali f'dan il-qasam. Id-Direttiva tipprovdi risposni komprensivi tant meħtieġa, li jinkorporaw il-prevenzjoni, il-protezzjoni, l-appoġġ għall-vittmi u l-prosekuzzjoni għal firxa ta' reati kriminali li jikkostitwixxu vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika.

Aħna konvinti li din id-Direttiva ser tipprovdi kontribut qawwi għas-sikurezza u s-sigurtà tan-nisa madwar l-UE kollha."

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li parti importanti minnhom hija l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Aħna, u ser nibqgħu, iddedikati għall-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif minquxa fit-Trattati.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija impenjata bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa. Il-Gvern u s-soċjetà ċivili tal-Bulgarija huma involuti b'mod attiv fil-prevenzjoni ta' dawn il-forom ta' vjolenza kif ukoll fil-ħarsien u fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi tagħhom. Aħna nqisu l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") bħala pass importanti fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, il-protezzjoni tal-vittmi u l-ikkastigar tat-trasgressuri li ser jappoġġaw lill-Istat Membru tal-UE javvanza l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

Madankollu, fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali li għandhom l-għan li jiddifferenzjaw bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali. Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali adottat deċiżjoni oħra li tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni jista' jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu.

Fid-dawl tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li t-terminu "ġeneru" użat fid-Direttiva u kwalunkwe wieħed mit-termini derivattivi tiegħu huma mifhuma li jinkludu biss is-sess maskili u femminili fit-tifsira bijoloġika tagħhom. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara wkoll li ma taċċettax il-kunċett ta' "ġeneru" u l-approċċ "abbażi tal-ġeneru", kif definit fil-Konvenzjoni ta' Istanbul.

Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija ser taċċetta biss it-traduzzjoni bil-Bulgaru tat-terminu "ġeneru" bħala "пол" fit-test tad-Direttiva."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"provvista ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fid-*Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.*"

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka tilqa' kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew dwar id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Fil-fehma tagħna, dan huwa pass 'il quddiem importanti fil-ġlieda komuni kontra l-vjolenza kontra n-nisa. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Slovakka tixtieq tfakkar il-pożizzjoni tagħha li t-terminu "ġeneru" fi ħdan din id-direttiva għandu jiġi tradott bħala "sess", b'mod partikolari fi ħdan id-definizzjonijiet tal-vittmi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-oqsma tal-liġi kriminali, id-drittijiet tal-vittmi u d-diskriminazzjoni. F'każijiet fejn il-kuntest jitlob l-użu tal-ekwivalenti tas-Slovakk għal "ġeneru", għandha tintuża t-traduzzjoni xierqa, bħal f'termini ta' "rwoli tal-ġeneri", "stereotipi marbutin mal-ġeneru", "ugwaljanza bejn il-ġeneri" jew "vjolenza abbażi tal-ġeneru"."

**DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA**

"L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. Madankollu, nixtiequ nenfasizzaw it-tħassib tagħna dwar il-possibbiltà ta' ħolqien ta' preċedent bl-interpretazzjoni wiesgħa tal-qasam tal-*kriminalità fl-informatika* fis-sens tal-Artikolu 83, il-paragrafu 1 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE" jew "Trattat"). Din id-dispożizzjoni tipprovdi lill-Unjoni b'kompetenza li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma ta' delitti partikolarment gravi ta' dimensjoni transfruntiera li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni. L-awturi tat-Trattat żammu f'moħħhom il-ħtieġa speċifika li jiġu salvagwardjati l-aspetti fundamentali tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali kif jidher ċar mill-Artikolu 83, il-paragrafu 3 TFUE. Dan huwa enfasizzat ukoll fl-Artikolu 67, paragrafu 1 TFUE li jenfasizza b'mod espliċitu l-ħtieġa li jiġu rispettati s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali u differenti tal-Istati Membri, li jirrifletti l-fatt li l-kwistjonijiet tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jaqgħu fil-qasam ewlieni tas-sovranità tal-Istati Membri.

Il-lista tal-hekk imsejħa *ewrodelitti* fl-Artikolu 83, paragrafu 1 TFUE tkopri ħdax-il qasam ta' kriminalità, li jistħoqqilhom approċċ komuni tal-Unjoni minħabba n-natura partikolarment serja tagħhom u d-dimensjoni transfruntiera tipika tagħhom. Il-lista tista' tiġi estiża biss b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Fid-dawl ta' dan, il-lista ta' *ewrodelitti* m'għandhiex tiġi interpretata b'mod wiesa'.

Fil-livell tal-UE hemm żewġ strumenti legali bbażati fuq l-Artikolu 83,paragrafu 1 TFUE b'referenza għall-qasam tal-kriminalità fl-informatika - id-Direttiva 2019/713 u d-Direttiva 2013/40/UE. Dawn iż-żewġ strumenti jkopru reati li jistgħu jitwettqu biss permezz tal-użu tat-teknoloġija, fejn l-apparat huwa kemm l-għodda għat-twettiq tad-delitt kif ukoll il-mira tad-delitt (kriminalità ċiberdipendenti). Il-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika ssegwi loġika differenti, it-teknoloġija nnifisha mhijiex meħtieġa biex jitwettaq reat kriminali iżda tintuża biex tiżdied l-iskala jew il-firxa ta' delitti "tradizzjonali" (kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika).

Konsegwentement, jekk "kriminalità fl-informatika" tiġi interpretata bħala li tkopri kull att li jista' jitwettaq permezz ta' sistema tal-kompjuter, dan jagħti lill-Unjoni Ewropea kompetenza illimitata li tikkriminalizza diversi imġiba mhux relatata ma' kwalunkwe qasam ieħor ta' reati diġà elenkati fl-Artikolu 83, il-paragrafu 1 TFUE b'referenza biss għall-fatt li tali atti jistgħu jitwettqu permezz ta' sistema tal-kompjuter. Dan mhux biss iwessa' b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-UE, iżda jista' jwassal għal effett konsegwenzjali, minħabba li l-Istati Membri li jimplimentaw tali leġiżlazzjoni jkollhom jiżguraw li l-liġi kriminali tagħhom tifforma totalità koerenti. Għalhekk, tali reati ġodda x'aktarx li jiġu trasposti b'mod teknoloġikament newtrali li jfisser li minkejja r-referenza fil-leġiżlazzjoni tal-UE għar-reat imwettaq permezz ta' sistema tal-kompjuter, it-traspożizzjoni nazzjonali mistennija tkopri wkoll forom oħra ta' twettiq ta' tali reat.

L-Artikolu 10 dwar l-inċitament għall-mibegħda huwa wieħed minn dawn l-eżempji. L-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi fuq l-inċitament għall-mibegħda kien ikun aktar adatt wara ftehim biex tiġi estiża l-lista ta' *ewrodelitti* fl-Artikolu 83, paragrafu 1 TFUE. Dan kien jippermetti ħarsa ġenerali komprensiva tal-*acquis* eżistenti biex jiġi żgurat li r-reati jkunu fformulati tajjeb, ikopru l-aktar forom serji ta' inċitament u ma jiksrux il-libertà tal-espressjoni.

Eżempju ieħor li nixtieq**u** nenfasizzaw, huwa l-Artikolu 7 dwar il-fastidju online, b'mod aktar speċifiku l-punt (c) ta' dan l-Artikolu, li jistabbilixxi regoli minimi dwar it-trażmissjoni mhux mitluba ta' immaġni, vidjo jew materjal simili ieħor li juri l-ġenitali ta' persuna lil persuna oħra (*cyberflashing*). Għalkemm każijiet ta' cyberflashing intenzjonali biss huma kriminalizzati, fejn ir-riċeviment ta' tali materjal x'aktarx li jikkawża ħsara psikoloġika serja lir-riċevitur, għadu dubjuż jekk is-cyberflashing għandux jiġi armonizzat fil-livell tal-UE. Huwa diffiċli li s-cyberflashing jiġi interpretat bħala reat partikolarment serju b'dimensjoni transfruntiera skont it-tifsira tal-Artikolu 83 TFUE. Ir-regolamentazzjoni tas-cyberflashing fil-livell tal-UE hija eżempju ta' kriminalizzazzjoni żejda mhux ġustifikata."

| | |
|---|---|
| **<u>Dwar il-punt "A" nru 4:</u>** | **Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rapportar. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja skont it-Trattati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill beħsiebhom jirrevedu n-nomenklatura tal-Faċilità, pereżempju dwar l-approprjazzjonijiet għal kull benefiċjarju, biex jiżguraw skrutinju politiku u baġitarju xieraq. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'mod dovut din id-dikjarazzjoni, kif xieraq, fit-tħejjija tal-Abbozz tal-Baġit 2025."

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea kif minquxa fit-Trattati, u l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali.
F'konformità ma' dan t'hawn fuq u mal-leġiżlazzjoni domestika tagħha, il-Bulgarija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" (raġel/mara) u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett tal-ġeneru bħala l-għoti ta' opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA**

"Ir-Repubblika tal-Litwanja tappoġġa l-integrazzjoni Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Il-proċess tat-tkabbir kwalitattiv u bbażat fuq il-mertu jiggwida lill-aspiranti permezz tat-tħejjija għal sħubija sħiħa.
Fid-diskussjonijiet dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, ir-Repubblika tal-Litwanja appoġġat b'mod konsistenti l-iżgurar ta' rwol attiv tal-Kunsill fil-governanza tal-Faċilità. B'kont meħud li t-test ta' kompromess tar-Regolament joffri rwol pjuttost limitat għall-Kunsill, ir-Repubblika tal-Litwanja tastjeni milli tivvota dwar it-test propost."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar trasparenza baġitarja sħiħa fir-rigward ta' kwistjonijiet baġitarji fil-qafas tal-Faċilità tal-Balkani tal-Punent**

"Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom bħala awtoritajiet baġitarji b'mod infurmat tajjeb, il-Kummissjoni ser tqiegħed għad-disponibbiltà tal-awtorità baġitarja informazzjoni dwar l-impenji u l-pagamenti baġitarji kemm li saru kif ukoll ippjanati taħt il-Faċilità tal-Balkani tal-Punent għal kull benefiċjarju fuq bażi ta' kull xahrejn."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-nomenklatura baġitarja għall-Faċilità tal-Balkani tal-Punent**

"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nomenklatura baġitarja għall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent li tista' potenzjalment taffettwa l-implimentazzjoni tal-Faċilità. Fi kwalunkwe każ, dan jinterferixxi bla bżonn mal-iżvolġiment kif suppost tal-proċedura baġitarja. Il-Kummissjoni tqis li dan ma għandux jikkostitwixxi preċedent."